**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru: 526/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Claire Borg)**

**vs.**

**George (George Alfred) Borg**

Illum il-31 ta' Mejju 2022

Il Qorti:

Rat li tressaq George (George Alfred) Borg ta' 41 sena, imwieled il-Pieta'. Nhar id-29 ta' Mejju 1978, iben Alfred Borg u Anna nee' Borg, residenti gewwa BLK C, Flt 2, Triq il-Ghajn, gewwa l-Belt Valletta u detentur tal-karta tal-Identita' 310878(M).

Akkuzat talli fi xhur ta' bejn Awwissu 2016 u fi xhur ta' qabel u wara f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminiijet differenti, li jiksru l-istess deposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Approprjat ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma li tammonta ghal aktar minn hames mitt Euro (€500) izda mhux iktar minn hamest elef Euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu, illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Christian Farrugia u Matthew Caruana, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghkom jew minhabba depozitu necessarju;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'htija tordna lill-hati jhallas d-danni ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, u ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija b'zieda ma' kull piena li l-hati jista jinghata b'sentenza, tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentament laqa' ghandu b'rixettazzjoni jew akwista bi frodi jew qliegh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, hsara morali u, jew psikologika, kagunati lildik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bhal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir hlas kif imsemmi

qabel. L-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili skond l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.[2]

Rat li l-prosekuzzjoni fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2020 talbet sabiex f'kaz ta' htija, b'zieda ma kull piena li l-hati jista jinghata fis-sentenza, tordna lill-hati sabiex jirristitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentament laqa' ghandu b'ricetazzjoni jew akkwist bi frodi jew qliegh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz ta' reat jew li jhallas lil dik il-parti l-ammont ta' flus kif jista jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens. Gie mitlub li l-ordni ghandu jikostitwixxi titolu ezekuttiv ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u skont l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Frar 2021.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-26 ta' Mejju 2021.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

[1] Folio 30 ta' l-atti processwali
[2] Folio 33 ta' l-atti processwali
[3] Folio 111 ta' l-atti processwali
[4] Folio 120 ta' l-atti processwali
[5] Folio 128 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2022[6];

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta l-imputat kien qed jippresta ruhu ma' klijenti li kien jaghmel xoghol fil-qasam ta' *finishing* ta' bini. Illi wara li kellu diversi diskuzzjonijiet sabiex isir xoghol ta' madum u dawk relatati fl-propjetajiet rispettivi taghhom sar ftehim maghom dwar xoghol u prezz. Illi z-zewg vittmi ghaddew lill-imputat somma flus kull wiehed izda qatt ma sarilhom ix-xoghol jew inghatawlhom lura l-flejjes li kienu ghaddewlu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2019 xehed **Christian Farrugia.** Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u spjega li f'Awwissu tas-sena 2016 kien ghamel rapport kontrieh. Huwa kien inkariga lill-imputat sabiex jaghmel xoghol ta' tqeghid ta'

[6] Folio 133-136 ta' l-atti processwali

madum. Fl-ewwel gurnata li kellu jibda x-xoghol, ix-xhud iltaqa' mal-imputat fuq il-post fejn l-imputat talbu €860 ghall-materjal li skont hu, €160 minnhom kienu sabiex jixtri t-torba biex ikun jista' jibda. Ix-xhud tah il-flus mitluba f'kontanti u telaq minn fuq il-post. Aktar tard dakinhar, rega' mar biex jara x'xoghol kien sar u b'sorpriza, ra li ma kien sar xejn u ma kien hemm hadd hemmekk u lanqas ingieb materjal ghajr ghat-torba. Minn dakinhar, ix-xhud ghamel madwar tlett gimghat jipprova jkellem lill-imputat bil-mobile izda generalment ma kienx jaqbdu, u fid-darba li qabdu, l-imputat qallu li kien wegga' u setax jahdem.  Gara li x-xhud ra lill-imputat Rahal Gdid u waqaf ikellmu. L-imputat kien stqarr mieghu li kellu xi problemi bil-Qorti u ma setax iroddlu l-flus lura ghalissa. Ix-xhud ikkonferma li minn meta ghamel ir-rapport, baqa' ma thallas xejn minghand l-imputat. Ix-xhud gharaf u kkonferma dikjarazzjoni li kien ghamel mal-Pulizija ezebita a Fol. 16.

Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021[7] fejn huwa ccara li huwa kien ikkomunika mal-imputat telefonikament, peremzz ta' messaggi u anke` wicc imb'wicc. Eskluda li kien beda proceduri civili kontra l-imputat.

Fl-istess seduta xehed **Matthew Caruana**. Ix-xhud spjega li ghall-habta ta' Novembru 2016 kien ghamel post fuq Facebook fejn talab rakommandazzjonijiet ghall-*plumber* u installatur tal-madum. L-imputat kien irrisponda ghal dan il-post taht l-isem C&E Company Limited. Ix-xhud pprezenta kopja tal-korrispondenza li kellu tramite l-Facebook. Fil-11 ta' Novembru 2016, iltaqa' mal-imputat fl-appartament fejn kien hemm bzonn ix-xoghol f'Santa Venera. Wara li kien ha l-qisien u ra x'hemm bzonn isir, l-imputat baghat stima ta' €2,500 permezz ta' SMS. Skont ix-xhud, dik l-istima kienet tinkludi xoghol u materjal. Qabel ikkonkludew, l-imputat kien ha lix-

[7] Folio 121-126 ta' l-atti processwali

xhud jara xi xoghol li kien ghamel hu gewwa *penthouse* il-Fgura u wara li ghogbu x-xoghol, ix-xhud inkariga lill-imputat u ftehmu li fil-25 ta' Novembru, jaqilghu *lifter* sabiex jittella' l-materjal. Fit-18 ta' Novembru, l-imputat baghat SMS li permezz tieghu talab il-hlas ta' depozitu ta' 30% li kien jekwivali ghal €750, liema ammont gie mhallas mix-xhud permezz ta' cekk tal-APS li ssarraf fil-21 ta' Novembru 2016. Meta wasal il-25 ta' Novembru, ix-xhud baqa' ma sema' xejn mill-imputat u filghaxija baghat SMS li kellu t-tifla l-isptar. Effettivament, wara li ssarraf ic-cekk, l-imputat qata' kull kuntatt minn max-xhud u qatt ma beda x-xoghol. Ix-xhud gharaf u kkonferma dikjarazzjoni li kien ghamel mal-Pulizija ezebita a Fol. 18.

Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020 fejn huwa kkonferma li l-ammont ta' €750 kien thallas f'daqqa permezz ta' cekk wiehed u li l-imputat kellu jibqa' x-xoghol f'temp ta' gimgha. Spjega li l-gutifikazzjoni li gab l-imputat ghal xiex ma bediex ix-xoghol kienet li kellu t-tifla l-isptar. Eskluda li kien ipproceda civilment kontro l-imputat.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehdet **l-Ispettur Claire Borg**, stazzjonata fit-Taqsima ta' Konta l-Frodi, li spjegat li hija kienet giet assenjata l-investigazzjoni dwar dak il-kaz u spjegat is-sustanza tar-rapporti maghmula minn Christian Farrugia u Matthew Caruana. Minn naha taghha, fil-25 ta' Frar 2019, ix-xhud marret fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tieghu l-istqarrija tal-imputat, li kien qed jiskonta sentenza karcerarja. L-imputat kien ghazel li ma jikkonsultax ma avukat u ta stqarrija li tinsab ezebita a Fol.26 et seq. L-imputat ammetta li kien ha l-flus minghad iz-zewg kwerelanti u li kien uza d-depoziti li gabar sabiex xtara materjal ghal haddiehor izda minghajr l-ebda skop hazin u offra li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li dahlu fihom il-kwerelanti.

Fl-istess seduta xehdet **Rebecca Micallef**, *Compliance Officer* ma APS Bank plc, li kkonfermat li c-cekk numru 000001 kontra l-kont 40346310013 fl-ammont ta'

€750 li gie mahrug fl-20 ta' Novembru 2016 gie msarraf l-ghada, il-21 ta' Novembru 2016. Ic-cekk issarraf minn George Borg, detentur tal-karta tal-identita` numru 310878M, li huwa l-imputat.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Joseph Saliba**, ufficjal tal-Agenzija Jobsplus li pprezenta kopja tal-*employment history* tal-imputat. Senjatament, din tindika li bejn it-22 ta' Frar 2016 u t-12 ta' Dicembru 2016, l-imputat kien registrat bhala *full-time self-employed tile layer*.

**Ikkunsidrat**

**Principji legali**

Fit-tahrika tal-pulizija, il-pulizija tressaq lill-imputat bi ksur ta' l-artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalihjew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdatajew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-raddtal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal danid-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

L-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabeldan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħatiminħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni,kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa exofficio,u l-piena tkun ta' priġunerijaminn seba' xhur sa sentejn.*

Illi skond l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali l-oggett mertu tal-misapproprjazzjoni ghandhu ikun tangibbli u mobbli.

Fil-kaz **Rex Vs Felice (1912)**, il-Qorti tenniet li l-artikolu 293 huwa identitku ghal dak li jipprovdi l-gurisprudenza Taljana u rrferriet ghal-awtur **Maino**, li stqarr li sabiex jissussitti r-reat ghandu ikollok 'affidamento' jew 'consegna' u cioe l-inkarigu jew il-kunsinna u ghalhekk irrid ikollok il-pussess ta' l-oggett. Irrid ukoll jirrizulta li jkun hemm il-konverzjoni ghall-beneficcju taghhom stess.

Illi dan il-principju gie kkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Portelli**[8] fejn stqarr:

*"Majno kien qieghed jikkummenta fuq ir- ' j zzj indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-K ċ P T j -1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-K ċ K m għ . Aw u ħ j bħ A u M z jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-K ċ P T j -1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi".*

Illi l-elementi tar-reat gew ritenuti fil-kaz **The Police (Inspector Matthew Vella) vs Radoslav Szymon Skalski**[9]

*The elements which the prosecution needs to prove in this case, in accordance with articles 293 and 294 of the Criminal Code (Chp. 9) are the following:*

*1) The accused has misapplied by converting to his own benefit, or to the benefit of any other person, anything which has been entrusted to him or delivered to him under a title which implies an obligation to return such thing or to make use of such thing for a specific purpose. In the above eventuality, the complaint of the injured party must be exhibited.*

*2) That the above offence was committed on things entrusted or delivered to the accused by reason of his profession, trade, business, management, office or service or in*

---

[8] Deciza 11 ta' Settembru 2015, Prim Imhallef Emirtus Silvio Camilleri

[9] Court of Magistrates (Malta); Deciza 30 ta' Jannar 2018

*consequence of a necessary deposit. In this later case, no complaint of the injured party is necessary and the police can proceed ex officio.*

Dawn il-principji kienu gew stabilliti u ssibu l-origini taghhom fil-kawzi **Rex Vs Pisani (1941)** (fejn gie ikkonfermat li m'hemmx in-neceissita li ssir il-gwadan), **Sua Maesta il Re vs Samuel Maymon[10], Sua Maesta il Re vs Emmanuele Cardona[11] , Il-Pulizija vs Karmnu Catania[12]** u **Il-Maesta Tieghu r-Re vs Antonio Pisani[13]** li stqarret

*Illi l-art. 294 tal-Kodiċi Kriminali (today art. 293 of Chp. 9) jikkontempla r-reat ta' kull min japproprja ruħu, billi jikkonvertiha bi profitt tiegħu jew ta' ħadd ieħor, minn ħaġa ta' persuna oħra li tkun ġiet lilu fdata jew kunsinnata b'titolu kwalsijasi li jġib l-obbligu li jirrestitwiha jew li jagħmel minnha użu determinat. L-artikolu ta' wara, li jikkontempla lapproprjazzjoni indebita aggravata, jitfa' dawl fuq x'jista jkun f'ċerti każijiet dan it-titolu tal-kunsinna, u jsemmi li jista jkun minħabba professjoni, industrija, negozju, karika, servizz, jew depozitu neċessarju, apparti titoli oħra ta' kunsinna fejn ma tirrikorrix il-kwalifika;*

Ghaldaqstant r-rekwizi ghar-reat ta' misapproprjazzjoni jistghu jigu kkunsidrati s-segwenti:

a) **Konsenja Specjali**

Il-konsenja ghandha tkun konsenja specjali u mhux konsenja generali tal-pussess. Ghalhekk, jekk impjegat ikollu l-konsenja generali tal-affarijiet kollha f'dar li fiha jahdem, u jghin lili nnifsu ghal oggett fil-pussess tieghu, xorta jkun

[10] Qorti Krimnali, Deciza 17 ta' Gunju 1932, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII/IV/18 at pgs. 19-20
[11] Qorti Kriminali, Deciza 16 ta' Gunju 1933, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII/IV/33
[12] Qorti Kriminali, Deciza 18 ta' Ottubru 1941, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXI/IV/434 at pg. 435
[13] Qorti Kriminali, Deciza 2 ta' Dicembru 1941, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXI/IV/299 at pgs. 300-303

hemm contrectatio u att bhal dan ma jammontax ghal mizapproprjazzjoni izda ghal serq.

Illi dan gie ritenut fil-kaz '**Il-Pulizija vs. Mary Bezzina'** (1958) fejn il-Qorti Kriminali tenniet:

*"Hu pacifiku fid-duttrina u fil-gurisprudenza anki Maltija, illi, meta l-konsenja tal-haga ma hix generali tal-oggetti kollha li jkunu fil-post … imma hi* ***konsenja specjali*** *u limitata kif inhu l-kaz ta` min jafda oggett f'idejn haddiehor biex dan iqieghdu f'post determinat, li mbaghad, minflok japproprija ruhu minnu, huwa lkaz, mhux ta` serq imma ta` approprazzjoni indebita."*

b) **L-ebda intenzjoni li jinfired mill-pussess.**

Il-konsenja ghandha ssir f'cirkostanzi li juru li s-sid ma kellux il-hsieb li jinfired minn mal-pussess.

Dan gie ritenuto fil-kaz '**Il-Pulizija vs. Karmenu Catania** (1941)

*"Biex ikun hemm il-figura ta` approprazzjoni indebita, u mhux il-figura ta` serq, hemm bzonn li il-haga tkun giet approprjata, tkun giet* ***konsenjata u fdata lil min hadha taht titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu determinat****."*

c) **Fejn persuna wahda thares l-ewwel wahda**

Il-mizapproprjazzjoni hija eskluza meta **s-sid** jafda oggett fl-pussess ta' persuna ohra, izda mbaghad jaghti struzzjonijiet jew jibghat lil xi hadd iehor biex jara fuq il-persuna li ghandha l-pussess fiziku tal-haga.

Filwaqt li fir-reat ta' serq, ir-reat huwa meqjus li tlesta meta jsehh it-tehid attwali u materjali ta' l-oggett (*contrectatio)* f'approprjazzjoni hazina, il-kliem funzjonali huma *"applikazzjoni hazina, konverzjoni"*. Dan jeskludi l-possibbilita' ta' tehid ta' matjeral u jipprezumi li l-pussess diga jghodd fl-akkuzat fil-mument tat-twettiq ta' dan ir-reat. Ghalhekk il-konverzjoni tidher li tikkostitwixxi l-att tat-tlestija ta' mizapprorpjazzjoni.

Illi dan il-punt gie ritenuto fil kaz '**Il-Pulizija vs. Giuseppe Cauchi ' (1953)**

*"Ghad-delitt tal-approprazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata 'konversjoni'.* ***U hemm 'konversjoni' inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzuz determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-partijiet stipulati in buona fede."***

Ghalhekk il-mizazpproprjazzjoni hija meqjusa li hija lesta kull meta l- *causa legittima* , u cioe r-raguni ghaliex l-oggett gie fdat lill-agent, huwa sostitwit mill-kawza illegali ghall-beneficcju ta' l-agent.

**Ikkunsidrat**

**Provi tal-prosekuzzjoni**

Il-prosekuzzjoni esebit zewg rapporti interni tal-pulzija li huma iffirmati mill-parte civile Christian Farrugia u Matthew Caruana rispettivament.[14]

[14] Folio 16-20 ta' l-atti processwali

Illi permezz ta' l-ewwel rapport hemm indikat li certu Christian Farrugia rraporta li nhar it-12 ta' Lulju 2016 l-imputat kien tah stima bil-fomm ta' elfejn u erba mitt Euro (€2,400) ghax-xogholijiet relatati ma' bini. Sussegwentement nhar is-6 ta' Lulju 2017 l-imputat talab lill-parte civile seba mitt Euro (€700) rapprezentanti materjal liema flus il-parte civile ghaddilhomlu dak in-nhar stess.

Minkejja li l-parte civile ghadda din is-somma ta' flus lill-imputat, ix-xogholijiet qatt ma saru u l-parte civile kellu diffikultajiet sabiex ifittex lill-imputat li sparixxa wara li rcieva l-flus u dan anke wara li l-parte civile ppruva jaghmel kuntatt ma l-imputat tramite terzi persuni.

Meta darba lemah lill-imputat quddiem ir-residenza ta' zitu, l-imputat kien informa lill-parte civile li kien ser ittih il-flus tieghu lura izda kellu problemi ohra. Stante li dawn il-flejjes qatt ma gew ritornati, il-parte civile kien kostrett jaghmel kwerela mal-pulizija sabiex jittiehdu passi.

Permezz tat-tieni rapport hemm indikat li l-parte civile Matthew Caruana sar jaf bl-imputat wara li l-imputat wiegeb ghal-riklam tieghu fuq sit *Are you being served?* li tinsab fuq Facebook.

Wara li l-imputat ta stima ghax-xogholijiet lill-parte civile urih ukoll xi postijiet fejn kien hadem bhal turija tal-kwalita ta' xogholu. L-imputat talab lil Matthew Caruana s-somma ta' sebgha mija u hamsin Euro (€750) rapprezentanti depozitu sabiex ikun jista jixtri l-materjal u jibda jahdem.

Il-parte civile ghadda din is-somma ta' flus permezz ta' cekk nhar il-20 ta' Novembru 2016. Madankollu, wara li l-imputat ha l-flus qatt ma tfacca ghax-xoghol u minkejja li l-parte civile ppruva jaghmel kuntatt mieghu kemm il-darba b'kull mezz li seta, l-imputat qatt ma wiegbu. Meta l-imputat darba offra li jirritorna l-flus lura qatt ma ltaqa mal-parte civile jew ghaddihomlu lura.

Il-prosekuzzjoni esebit dokumenti mill-bank APS li biha hemm indikat stampa ta' Bank Draft No. 682647 fl-ammont ta' seba mitt Ewro (€700) f'isem George Borg li gie msarraf nhar id-9 ta' Gunju 2016 u cekk fl-ammont ta' seba mija u hamsin Ewro (€750) mahrug minn Matthew Caruana a favur George Borg nhar il-20 ta' Novembru 2016 u li gie imsarraf nhar il-21 ta' Novembru 2016.[15] Illi dan gie ikkonfermat mill-Compliance Officer tal-bank APS fix-xhieda ta' Rebecca Micallef[16] li esebit prova dokumentarja.[17]

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll prova ta' l-impjieg ta' l-imputat li gie kkonfermat fix-xhieda ta' Joseph Saliba bhala rapprezentant tal-Jobs Plus.[18]

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni tal-vittmi**

Il-parte civile Matthew Caruana ghamel dikjarazzjoni nhar il-20 ta' April 2019 mal-pulizija fis-sezzjoni kontra r-reati ekonomici fl-ufficju tal-Ispettur Claire Borg fil-presenza ta' PC114 Justin Galea.[19]

Permezz ta' din id-dikjarazzjoni Matthew Caruana jikkonferma li l-ammont ta' sebgha mija u hamsin Ewro qatt ma hadhom lura u li l-ahhar darba li qatt ra l-imputat kien dak in-nhar li kien tah ic-cekk nhar il-20 ta' Novembru 2016. L-ghada li kien iltaqa' mieghu, u cioe fil-21 ta' Novembru 2016 kien mar isarfu.

Illi din id-dikjarazzjoni regghet gie ikkonfermata fix-xhieda tieghu.[20] Ix-xhud spjega kif l-imputat kien qallu li l-kumpanija tieghu taghmel xoghol ta' madum u kien sar ftehim verbali, kif ukoll permezz ta' messaggi fuq Facebook kif issir

[15] Folio 22-24 ta' l-atti processwali
[16] Folio 101-102 ta' l-atti processwali
[17]Dok RM1, Folio 103 ta' l-atti processwali
[18] Folio 104-107, Dok JS1, ta' l-atti processwali
[19] Folio 21 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[20] Folio 41-47, 89-90 u 112-114 ta' l-atti processwali

dan. F'dan ir-rigward ix-xhud esebixxa komunikazzjoni li kienet saret mal-imputat tramite s-sit Facebook kif ukoll messaggi bejn mobajls.[21] Ix-xhud kien sahansitra iltaqa ma l-imputat u kien ha xi kejl tal-post u wara li kien baghtlu kwotazzjonijiet u fthemu prezz kien ghaddilu cekk ta' seba mija u hamsin Ewro. Minkejja li kien ghaddilu l-flus, ix-xogholijiet qatt ma saru w nghatat diversi ragunijiet ghalfejn le u sallum ghadu qatt ma ha rifuzjoni tal-flus. Wahda mill-iskuzi li kien tah l-imputat kien li minhabba li bintu kienet idahhlet l-isptar[22]. Madankollu l-prosekuzzjoni esebit prova li fiz-zmien imsemmi, bin l-imputat, u cioe Elhaida Borg Zerafa qatt ma kienet l-isptar.[23]

Ix-xhud esebixxa fotokopja tac-cekk li kien hareg a favur l-imputat kif ukoll *screen shot* mill-kont bankarju tieghu li juri li c-cekk isarraf.

Ix-xhud esebixxa wkoll dettalji tal-kumpannija C&E Developments Ltd.[24] Illi fil-kwerela ta' Matthew Caruana hemm indikat li l-imputat kien talab lill-Matthew Caruana sabiex jara l-pagna fuq *Facebook* ta' C&E Co. Ltd u Elbo Installations biex jiehu idea ta' xogholu. F'dan ir-rigward gie esebit ukoll ritratti mehuda mill-pagna fuq *Facebook* ta' dawn il-kumpanniji jew negozji.[25]

Il-parte leza Christian Farrugia fix-xhieda tieghu[26] rega ikkonferma dak kollu li kien stqarr fil-kwerela u d-dikjarazzjoni tieghu mal-pulizija. Huwa fil-fatt jikkonferma li l-ftehim verbali u bil-messaggi tal-mobajl li kellu ma l-imputat kien *"Li jaghmilli t-torba enn fil-propjeta' u jibdieli x-xoghol tal-madum. Issa, in the meantime kien talabni tmien mija u sittin Ewro dik il-gurnata u qalli: 'Mija u sittin minnhom ghat-torba.' Issa jiena tajtu l-flus cash u tlaqt mill-propjeta'. Kont qieghed fuq ix-xoghol tieghi. Emm wara xi tmien sieghat ergajt cempiltlu ma bediex jaqbadni*

[21] Dok MC1, Folio 48-69 ta' l-atti processwali
[22] Folio 113 ta' l-atti processwali
[23] Dok CV1, Folio 85-86 ta' l-atti processwali
[24] Folio 72-76 ta' l-atti processwali
[25] Folio 77-84 ta' l-atti processwali
[26] Folio 34-40, 87-88 u 121-126 ta' l-atti processwali

*u mort fuq il-propjeta' lura u ma sibtux hemmhekk. Emm ghamilt qisu dawn it-tliet gimghat incempillu u nara x'seta' gara jew ma garax u bqajt bla risposta ta' xejn."*[27]

A bazi ta' dan il-ftheim kien ghaddilu l-flus kontanti. Meta kien sussegwentement ikkonfrontah ghalfejn ma kienx ghamillu x-xoghol u diversi tentattivi jipprova jaqbdu fuq il-mobajl l-imputat kien gablu diversi skuzi ghalfejn ma setax ikompli x-xoghol kif ukoll ghalfejn ma setax jirritornalu lura l-flus f'dak il-mument. Sal-gurnata tal-llum ix-xoghol qatt ma sar, u l-flus qatt ma hadhom lura.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[28] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-25 ta' April 2019, u cioe madwar ftit inqas minn tlett snin wara l-incident gewwa l-Ghassa ta' Paola fl-ufficju ta' l-Ispettur Claire Borg fil-prezenza ta' PC114 u PC 38 u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.[29]

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih. Ikkonferma wkoll li m'ghandux bzonn

[27] Folio 35-36 ta' l-atti processwali
[28] Folio 26-28 ta' l-atti processwali
[29] Folio 29 ta' l-atti processwali

ghajnuna ta' natura medika urgenti kif ukoll li gie mghotti ittra bid-drittijiet tieghu.

Illi fl-istqarrija l-imputat George Borg ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien jahdem bhala *turn key* li kien jaghmel xoghol ta' kisi, tibjid u madum u li kien juza numru tal-mobjal bin-numru 79357299 mal-klijenti tieghu.

Fl-istqarrija itenni li l-flus li kien ircieva mill-klijenti tieghu kien juzhom sabiex jixtri materjali biex jahdem bihom. Fir-rigward il-klijent Christian Farrugia, l-imputat stqarr:

*"Lil dak ix-xoghol kont bdejtu imma ma komplejtux. Dak kont xtrajtlu torba, siment u xi materjal iehor imma minhabba li beda jedidni li ser imur jirrapurtani jien ma qbajtx imurlu."*

Meta kien mistoqsi x'ghamel bil-flus li kien tah Christian Farrugia, stqarr:

*"Impikajt mieghu ghax ma giex bil-kelma tajba u l-flus li kelli hdimt xoghol iehor."*

L-imputat itenni li qatt ma kellu xi skop partikolari hazin, li ibaghti minn vizzju tax-xorb u l-akbar problema li ghandu huwa li ma jafx jiehu hsieb il-flus li jaqla.

**Ikkunsidrat**

Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha ghamlet referenza ghal-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati Maltin. Il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni dahlet fil-profond dwar l-elementi tal-mens rea u actus reus u ghandha tigi mfahhra tal-preparazzjoni ghas-sottomissjonijiet finali in vista tal-fatt li mhux dejjem tara partijiet jattendu ghat-trattazzjoni b'dan is-studju. Id-difiza minn taghha tenniet li l-intenzjoni specifika ma tezistix f'dan il-kaz u l-prosekuzzjoni naqqset milli tipprova l-mens rea. Il-Qorti tqis li l-mens rea ta' l-imputat gie sodisfacentement ippruvat u dan anke minn analizi tat-twegibiet li ta fl-

istqarrija ta' l-imputat kif ukoll id-dokumenti bankarji u l-mod shih kif mexa mal-vittmi.

Ghalhekk minn dak li jirrizulta mill-provi tal-prosekuzzjoni, partikolarment dak li xehdu l-vittmi, maghdud mad-dokumenti l-ohra l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali refrattarja ta' l-imputat li fiha hemm registrati numru sostanzjali ta' sentenzi kontra l-imputat relatati ma offizi bi ksur tal-Kodici Kriminali tul medda ta' hamsa w ghoxrin sena[30].

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23A(2), 31, 293, 294, 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil George Borg **hati** ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u tikkundannah piena ta' tmintax il-xhar (18) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk

[30] Folio 5-15 ta' l-atti processwali

huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28G(1) tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' sentejn.

Komunika: Direttur Probation u Parole

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1), 28H(2) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati ihallas, sa mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mil-lum is-somma ta' seba mitt Ewro (€700) lil Christian Farrugia u s-somma ta' seba mija u hamsin Ewro (€750) lil Matthew Caruana. Dan l-ordni qed isir ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, kif ukoll skond l-artikolu 15A tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk, oltre li japplikaw il-konsegwenzi kontemplati taht l-artikolu 28H f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, l-istess ammonti jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond l-artikolu 15A.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-31 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**